MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 751/2002

**Repro House Company Limited**

**vs**

**Anthony Scerri u Maria Victoria Scerri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u tletin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu,**

**(LM2,339.66,0), rapprezentanti servizz u merkanzija lilhom mibjugha u konsenjati;**

**2. Bl-ispejjez u bl-interessi mill-31 ta' Ottubru tas-sena 2002 kontra l-konvenuti, liema konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata l-1 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha informat lill-qorti li kienet qed tirriduci s-sorte minnha mitlub ghas-somma ta' elf u mitt Lira Maltin, (LM1,100.00,0), stante pagament fil-mori tal-kawza;**

**Rat in-nota tal-konvenuti datata wkoll l-1 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici kif ridotti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici, inkluz is-sorte kif ridott, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont kif ridott ta' elf u mitt Lira Maltin (LM1,100.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------